VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,147, 4 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 313 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Occupational Therapy) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

L-Applikabilità

1. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-qasam ta' studju tal-Occupational Therapy fil-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa li jibda f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Għażla tal-Applikanti

2. Meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu għall-qasam ta' studju tal-Occupational Therapy ikun limitat mis-Senat skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament 10 tal-Ordinamenti tal-2010 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours), u l-għadd ta' applikanti eliġibbli għal dan il-qasam ta' studju jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla tal-applikanti ssir skont il-kriterji mniżżla fl-ordinament 3 ta' dawn l-ordinamenti.

Il-Kriterji għall-Għażla

3. (1) L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom l-ewwel ikunu magħżula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont dawn il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni ta' preferenza:

L-ewwel kategorija: dawk bi grad 'A' fil-Bioloġija fil-Livell Avvanżat

It-tieni kategorija: dawk bi grad 'B' fil-Bioloġija fil-Livell Avvanżat

It-tielet kategorija: dawk bi grad 'Ċ' fil-Bioloġija fil-Livell Avvanżat.

(2) L-applikanti li jkollhom ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul jistgħu joffru ċ-ċertifikat li għaddew fil-Bioloġija fil-Livell Avvanzat jew bħala parti mir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul jew b'żieda mar-rekwiżiti ġenerali għaddDħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fil-Bioloġija, għandu jitqies l-aħjar grad.

(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors u li jkunu ssottomettew ċertifikat tal-kondotta tal-pulużija riċenti (maħruġ mhux aktar minn 6 xhur qabel) lill-Fakultà sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors, għandhom jitqiesu l-ewwel.

(5) Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jaqgħu fl-aħħar kategorija tal-applikanti eliġibbli biex jidħlu fil-kors skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 ikun tali li n-numru totali tal-applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-livell globali tal-applikanti milħuq fis-suġġetti kollha ppreżentati għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Dan għandu jkun determinat mis-somma tal-punti allokati għal kull suġġett, li għandhom ikunu assenjati kif ġej:

	Livell Avvanżat	**Livell Intermedju**
Grad A	30 punt	10 punti
Grad B	24 punt	8 punti
Grad Ċ	18 –il punt	6 punti
Grad D	12 –il punt	4 punti
Grad E	6 punti	2 punti

(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li jkun baqa' għandhom ikunu intervistati minn Bord tal-Intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan, sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal.

(6) Jekk in-numru massimu tal-istudenti ma jintlaħaqx wara s-sessjoni tal-eżamijiet ta' Settembru ta' qabel ma jibda l-kors, l-applikanti li jkun baqa' li jkollhom il-grad ta' D minflok il-grad ta' Ċ fil-Bioloġija fil-Livell Avvanzat għandhom ikunu kkunsidrati wara li tintemm l-għażla tal-applikanti skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (4) tal-ordinament 3. Dawn l-applikanti għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (5) tal-ordinament 3.